

Brussell, 30 ta' Settembru 2025
(OR. en)

13357/25

RECH 413
COMPET 932
IND 379
MI 701

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	30 ta' Settembru 2025
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12821/25	
Suġġett:	L-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-Istrateġija tal-UE għall-Kumpaniji Start-up u Scale-up - Konklużjonijiet tal-Kunsill (approvati fit-30 ta' Settembru 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar *L-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-Istrateġija tal-UE għall-Kumpaniji Start-up u Scale-up*, approvati mill-Kunsill fl-4119-il laqgħa tiegħu li saret fit-30 ta' Settembru 2025.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR L-IMPORTANZA TAR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI GĦALL-"ISTRATEĠIJA TAL-UE GĦALL-KUMPAJJI START-UP U SCALE-UP"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-konklużjonijiet tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2022¹ dwar l-Aġenda Ewropea għall-Innovazzjoni l-Ġdida, li jirrikonoxxu li l-istart-ups u l-l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs) innovattivi huma atturi ewlenin fit-trasformazzjoni tal-ekonomija Ewropea u l-ħtieġa li jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament ta' kumpaniji scale-up;
- il-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Mejju 2024² dwar it-tisħiħ tal-valorizzazzjoni tal-għarfien bħala għodda għal industrija reżiljenti u kompetittiva u għal awtonomija strateġika f'ekonomija miftuħa fl-Ewropa;
- ir-rakkomandazzjoni tiegħu dwar l-Aġenda ta' Politika taż-Żona Ewropea għar-Riċerka (ŻER) 2025-2027³, li tistabbilixxi azzjonijiet rilevanti għall-istrateġija għall-kumpaniji start-up u scale-up, bħal pereżempju għall-valorizzazzjoni tal-għarfien, l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija, il-karrieri fir-riċerka sostenibbli, l-ugwaljanza u l-inklużività bejn il-ġeneri, it-trasformazzjoni industrijali jew ir-riforma tal-valutazzjoni tar-riċerka;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Ġunju 2025⁴, li jilqgħu l-"Istrateġija tal-UE għall-Kumpaniji Start-up u Scale-up" tal-Kummissjoni u jappellaw biex il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tibda malajr.

FILWAQT LI JIEĦU NOTA TA'

- ir-rapport ta' Letta ta' April 2024 "Much more than a market" (Ħafna aktar minn suq), li jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ l-appoġġ finanzjarju għall-kumpaniji start-up u scale-up;

¹ 15602/22.

² 10182/24.

³ ĠU C, C/2025/3593, 30.6.2025.

⁴ EUCO 12/25.

- ir-rapport ta' Draghi ta' Settembru 2024 "The future of European competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea) li jenfasizza li l-Ewropa għandha ħafna riċerkaturi u imprendituri b'talent, iżda għandha nuqqas ta' dinamiżmu biex l-ideat innovattivi jissarf u f'suċċessi kummerċjali, u jeħtieġ li ttejjeb il-kundizzjonijiet għal innovazzjoni rivoluzzjonarja fil-programmi komuni tagħha tar-Riċerka u Innovazzjoni (R&I);
- ir-rapport ta' Heitor ta' Ottubru 2024 "Align, Act, Accelerate" (Allinja, Aġixxi, Aċċellera) li jappella biex tingħata spinta lill-kompetittività dinjija tal-Ewropa billi jitravmu r-riċerka, l-innovazzjoni u l-iscale-ups li jħallu impatt, u billi jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ imprenditorjali u l-opportunitajiet mitlufa għall-ekosistema Ewropea lokali;
- ir-riżultati tal-evalwazzjoni interim ta' Orizzont Ewropa⁵ li juru li minkejja li 20 % tal-finanzjament ġenerali qed jiġi allokat lill-SMEs, tibqa' ta' sfida d-diskrepanza persistenti fil-finanzjament fil-fażi ta' scale-up flimkien mal-valorizzazzjoni tal-għarfien.

EKOSISTEMA AMBIZZJUŻA TA' START-UPS U SCALE-UPS GĦALL-EWROPA

1. JILQA' l-istrateġija għall-kumpaniji start-up u scale-up bħala stadju importanti fit-tisħiħ tal-kompetittività Ewropea u fit-titjib tal-innovazzjoni. JISĦAQ li hija meħtieġa b'mod urġenti azzjoni kkoordinata u kuraġġuża biex jitneħħa d-distakk fl-innovazzjoni mal-kompetituri dinjija u fl-Unjoni, sabiex jiġu żgurati livelli għolja u kontinwi ta' benesseri, sigurtà ekonomika u awtonomija strateġika, filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa fl-Unjoni. IFAKKAR fid-dinamika kumplessa tal-ekosistemi ta' innovazzjoni li jirrikjedu l-involvement ta' ħafna atturi tul il-katina tal-valur u feedback loops li jiffunzjonaw tajjeb, minn innovaturi sa riċerka. JENFASIZZA li l-progress fil-politiki strutturali taż-ŻER u l-azzjonijiet taż-ŻER jistgħu jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-oġettivi tal-istrateġija għall-kumpaniji start-up u scale-up.
2. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tressaq malajr definizzjonijiet sempliċi u prattiċi ta' start-ups, scale-ups, mid-caps, kumpaniji innovattivi u imprints f'diffikultà. JIRRIKONOXXI s-sinifikat tad-definizzjonijiet futuri għal skopijiet regolatorji u ta' finanzjament. IFAKKAR fl-ambizzjonijiet tal-Kummissjoni li tnaqqas il-burokrazija fir-regolamenti u r-rekwiżiti ta' rappurtar, tissimplifika l-implimentazzjoni prattika tagħhom u tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u ekonomiċi għall-benefiċċju tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-SMEs.

⁵ 8526/25.

3. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' approċċ ta' gvern sħiħ biex jappoġġa, jattira u jżomm start-ups u scale-ups fl-Ewropa u għall-implimentazzjoni tal-istrategġija. JAGĦRAF li ħafna mill-azzjonijiet stabbiliti fl-istrategġija jmorru lil hinn mill-ambitu tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) u ser jiġu żviluppati aktar permezz ta' atti oħra, kif propost mill-Kummissjoni. Għalhekk, jiffoka dawn il-konklużjonijiet fuq l-attivitajiet relatati mar-R&I biex tingħied l-attenzjoni dovuta lejn l-importanza ta' dan is-segment tal-katina tal-valur f'termini tat-twettiq tal-istrategġija.

L-IFFAĊILITAR TA' FONDAZZJONI TA' R&I B'SAĦĦITHA

4. JENFASIZZA l-importanza li jiġu żgurati l-prevedibbiltà u l-koerenza tal-programmi ta' finanzjament, l-istrategġiji u r-regolamenti biex l-istart-ups, l-iscale-ups u l-investituri jiġu pprovduti b'ambjent affidabbli u b'hekk jiġi ffaċilitat l-ippjanar fit-tul. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu stimulati l-intraprenditorija u r-rieda li jittieħdu r-riskji, inkluż id-dritt li wieħed ifalli u jerġa' jibda wara l-falliment. IĦEĠĠEĠ lill-istart-ups isegwu l-ambizzjonijiet għat-tkabbir u JAPPELLA lill-Unjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw kundizzjonijiet ta' qafas adegwati.
5. JAGĦRAF li ekosistemi ta' riċerka u innovazzjoni b'saħħithom li joriġinaw minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka, għandhom rwol importanti fl-appoġġ tal-ħolqien u t-tkabbir ta' start-ups u scale-ups billi jipprovdu aċċess għal talent, infrastrutturi essenzjali u servizzi relatati. JISĦAQ li dawn l-ekosistemi huma kruċjali għaż-żamma, l-ankraġġ u l-espansjoni ta' spin-offs akkademiċi u start-ups, b'mod partikolari kumpaniji tat-teknoloġija profonda, fl-Unjoni. Il-kollaborazzjoni fit-tul bejn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u l-industrija f'ekosistemi bħal dawn tippermetti l-valorizzazzjoni u t-trasferiment tal-ġarfien. IĦEĠĠEĠ, fost l-oħrajn, lill-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej isaħħu l-attivitajiet tagħhom relatati mal-innovazzjoni u l-valorizzazzjoni tal-ġarfien.

6. JIRRIKONOXXI li l-applikazzjoni tar-regoli attwali dwar l-Għajnuna mill-Istat toħloq sfidi għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka biex jappoġġaw start-ups li joħorġu mill-ekosistemi tagħhom, b'mod partikolari meta jipprovdu aċċess għal servizzi u infrastruttura jew jittrasferixxu d-drittijiet ta' proprjetà intellettuali lil dawn l-istart-ups. JIRRAKKOMANDA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jfittxu soluzzjonijiet fi ħdan il-qafas regolatorju attwali. JILQA' aktar gwida mill-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat u JITLOB li din il-gwida tindirizza l-implimentazzjoni tar-regoli attwali dwar l-Għajnuna mill-Istat relatati mal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka.
7. JAFFERMA r-rwol ċentrali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u tal-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka biex jipprovdu riċerka eċċellenti u edukazzjoni tal-aqwa livell, filwaqt li jixprunaw ukoll l-innovazzjoni permezz tal-appoġġ għat-trasferiment tal-għarfien u t-teknoloġija u l-intraprenditorija. JISSOTTOLINJA r-rwol ta' Uffiċċji għat-Trasferiment tal-Għarfien u t-Teknoloġija (KTOs) b'riżorsi tajbin fit-trawwim u l-appoġġ tal-kollaborazzjoni bejn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u organizzazzjonijiet u negozji li jwettqu r-riċerka, u fiċ-ċaqliq tar-riċerka lejn innovazzjonijiet u spin-offs lesti għas-suq. JAGĦRAF il-pjanijiet tal-Kummissjoni għall-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni għal-liċenzjar, għall-kondiviżjoni tar-royalties u d-dħul, u għall-parteċipazzjoni fl-ekwità għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u l-investituri tagħhom meta jikkummerċjalizzaw il-proprjetà intellettuali (PI) u joħolqu kumpaniji spin-off. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tidentifika mezzi biex jissaħħaħ l-użu fl-Unjoni tar-riżultati tar-riċerka ffinanzjati mill-programmi tal-UE.

8. JILQA' l-enfasi qawwija fuq it-talent u l-hiljet fl-istrateġija u JIRRIKONOXXI li ekosistema b'saħħitha ta' start-ups u scale-ups teħtieġ forza tax-xogħol b'hiljet għolja f'oqsma bħax-xjenza, it-teknoloġija u l-inġinerija, kif ukoll għarfien espert legali, kummerċjali u finanzjarju. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lir-reġjuni jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u lill-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka biex isaħħu l-innovazzjoni u l-hiljet intraprenditorjali fi ħdan il-kurrikuli u l-programmi ta' taħriġ, filwaqt li jirrispettaw il-libertà akkademika, l-awtonomija istituzzjonali u l-kompetenzi nazzjonali. It-tnaqqis tad-disparità bejn il-ġeneri huwa essenzjali bħala kwistjoni ta' ġustizzja soċjali u investiment strateġiku fil-kompetittività u l-produttività tal-Unjoni. JENFASIZZA l-importanza li tiġi avvanzata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u li jiġu promossi l-parteċipazzjoni, l-intraprenditorija u t-tmexxija tan-nisa fl-innovazzjoni u l-istart-ups. L-innovazzjoni u l-hiljet intraprenditorjali mhumieq rilevanti biss għall-istudenti u l-persunal akkademiku, iżda wkoll għall-persunal amministrattiv responsabbli għall-appoġġ tar-riċerka u l-innovazzjoni, it-trasferiment tal-għarfien u l-valorizzazzjoni fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka. JENFASIZZA l-hteġa għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, l-iskambju tal-esperjenza u l-kondiviżjoni ta' Prattika tajba. JINNOTA li n-networks tranżnazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka jista' jkollhom rwol ewlieni fil-kisba ta' dawn l-oġġettivi. JIRRIKONOXXI r-rwol tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) f'dan il-kuntest.

9. IFAKKAR li l-isfida mhijiex biss li jiġu attirati t-talenti, iżda wkoll li jitrawmu u jinżammu t-talenti fl-Unjoni. JILQA' l-inizjattiva tal-Kummissjoni "Agħżel l-Ewropa" u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tibni fuq programmi u strumenti eżistenti bħal ERASMUS+, il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC), l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie u EURAXESS, li jikkomplementaw il-kompetenzi u l-inizjattivi nazzjonali u reġjonali. JENFASIZZA li r-riċerkaturi mhux tal-UE attirati lejn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jew organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka għandhom ikunu jistgħu wkoll jagħmlu tranżizzjoni lejn rwoli intraprenditorjali jew impjiegi fi start-ups, scale-ups jew industrij akbar li jfittxu l-għarfien espert tagħhom. JAQBEL dwar il-ħtieġa li r-riċerkaturi jiġu ppremjati fil-karriera tagħhom mhux biss skont l-għadd u l-impatt tal-pubblikazzjonijiet, iżda bl-istess mod għall-valur xjentifiku għall-isforzi tagħhom fit-trasferiment u l-valorizzazzjoni tal-għarfien, il-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tagħhom u l-involvement fi djalogu dwar il-kondiviżjoni tal-għarfien ma' daww li jfasslu l-politika u ċ-ċittadini. JAGĦRAF l-importanza tal-ħidma li għaddejja taħt l-inizjattiva tal-Koalizzjoni għall-Avvanz tal-Valutazzjoni tar-Riċerka (CoARA). JISSOTTOLINJA li għandu jkun hemm ħidma għal dawn l-isforzi f'konformità ma' salvagwardji xierqa għas-sigurtà tar-riċerka⁶. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tibni fuq inċentivi eżistenti biex tippremja lir-riċerkaturi fil-pjan ta' azzjoni mħabbar għal qafas ta' żvilupp tal-karriera akkademika, dment li l-pjan ta' azzjoni jiġi implimentat fuq bażi volontarja.

AĊĊESS GĦALL-INFRASTRUTTURI U N-NETWORKING TAL-EKOSISTEMI

10. ITENNI l-importanza ta' infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, viżibbli u faċilment aċċessibbli għal ekosistema tar-R&I li taħdem tajjeb u kompetittiva fl-Unjoni. JITLOB lill-Kummissjoni tagħmel l-aħjar użu mill-immappjar kontinwu tal-infrastrutturi u tikkondividi r-riżultati fuq pjattaforma faċli għall-utent u aġġornata regolarment. JILQA' l-"Karta għall-Aċċess għall-utenti industrijali" proposta biex jiġi ffaċilitat l-appoġġ tal-Unjoni u tal-Istati Membri għall-istart-ups u l-iscale-ups fl-aċċess għall-infrastrutturi reġjonali, nazzjonali jew transfruntiera rilevanti u s-servizzi relatati tagħhom. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tissuġġerixxi kif il-Karta għall-Aċċess għandha tiġi implimentata fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali.

⁶ ĠU C, C/2024/3510, 30.5.2024

11. JILQA' l-idea li jissaħħu n-networking u l-kollaborazzjoni taċ-ċentri Ewropej tal-istart-ups u l-iscale-ups, li jibnu fuq inizjattivi eżistenti, bħall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej u Rise Europe, Startup Europe u l-European Startup Nations Alliance (ESNA). JIRRIKONOXXI li dan jeħtieġ priyoritizzazzjoni u impenn nazzjonali, reġjonali u lokali biex jitrawmu u jinżammu dawn iċ-ċentri u JFAKKAR fil-ħtieġa li jiġu konnessi l-widien tal-innovazzjoni reġjonali madwar l-UE kif rifless fl-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni. JENFASIZZA l-kontribut importanti tal-finanzjament privat u pubbliku biex tintlaħaq il-mira ta' 3 % tal-PDG għar-R&Ż u JĦEĠĠEĠ lill-industrija akbar biex tinvolvi ruħha ma' start-ups u scale-ups u tistabbilixxi relazzjonijiet ta' negozju biex tinżamm l-innovazzjoni endoġena.
12. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tiegħu vantaġġ mit-teknoloġiji diġitali biex tippromwovi l-interkonnnettività taċ-ċentri madwar l-Unjoni. JIPPROPONI li network ta' ċentri jinvolvi ruħu fl-attivitajiet ta' kondiviżjoni tal-aħjar prattiki li ġejjin biex jarmonizza l-appoġġ għall-istartups u l-iscaleups fl-Unjoni: żviluppi ta' ekosistemi ta' startups u scaleups, il-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni miftuħa bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u l-istartups, l-iscaleups l-kumpaniji akbar, il-prinċipji FAIR tad-data, il-ġestjoni tal-finanzjament ta' avvjament, l-aċċess u l-koordinazzjoni tas-sistemi ta' finanzjament tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali, u t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament, inkluż il-finanzjament ta' riskju. Network għandu jippromwovi aktar l-adozzjoni tal-Karta għall-Aċċess għall-utenti industrijali u jipprovdi pariri dwar l-aċċess għall-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija, dwar il-ġestjoni tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali u r-regoli applikabbli dwar l-Għajnuna mill-Istat. JENFASIZZA l-importanza li jiġi pprovdut ukoll appoġġ immirat tajjeb lill-SMEs fl-internazzjonalizzazzjoni tagħhom u fl-aċċess għas-swieq globali, kif muri min-network EUREKA.

13. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja biex jiġi ffaċilitat id-dħul fis-suq tal-innovazzjonijiet billi jiġu appoġġati startups u scaleups innovattivi fl-iżvilupp u l-ittestjar ta' ideat ġodda, tiġi vvalutata l-konformità regolatorja ta' teknoloġiji, prodotti u soluzzjonijiet ġodda, jittejjeb it-tagħlim regolatorju, kif ukoll jinħarġu rakkomandazzjonijiet biex jintgħelbu l-ostakli regolatorji. IĦEĠĠEĠ l-iżvilupp ta' regoli ċari, effiċjenti u mhux burokratiċi għal ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja, inkluż ambjenti ta' esperimentazzjoni madwar l-Unjoni kollha, f'koerenza mal-istrumenti u l-istandards eżistenti, bħad-DPI u l-protezzjoni ambjentali, fil-proposta li jmiss għal Att Ewropew għall-Innovazzjoni. JIRRAKKOMANDA lill-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija u proċessi sodi għall-implimentazzjoni rapida u effettiva ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja.

TNAQQIS TAD-DISTAKKI FINANZJARJI FIL-KATINA TAL-VALUR

14. JIRRIKONOXXI r-rwol tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) fl-appoġġ ta' startups u scaleups innovattivi Ewropej u JILQA' s-simplifikazzjonijiet imħabbra tar-regoli tiegħu u JINNOTA l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tispira ruħha minn prattiki simili tal-Aġenzija għall-Proġetti ta' Riċerka Avanzata (ARPA). JAQBEL li d-defiċit fil-finanzjament tal-iscaleups għandu jitnaqqas malajr kemm jista' jkun. JIEĦU NOTA tar-raġunament għal Fond Scale-up Europei, li għandu jiġi stabbilit bħala parti mill-Fond tal-EIC f'kollaborazzjoni mas-settur privat, biex jgħin jitnaqqas id-distakk fil-finanzjament ta' kumpaniji scaleups tat-teknoloġija profonda. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipprovdi aktar informazzjoni dwar il-Fond Scale-up Europe u tippozizzjonah b'mod ċar fix-xenarju ġenerali ta' finanzjament b'sinerġiji ma' strumenti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari InvestEU, kif ukoll strumenti nazzjonali u reġjonali. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipproponi malajr l-istabbiliment u l-istruttura ta' governanza u s-sorsi ta' finanzjament tal-Fond Scale-up Europe, kif ukoll is-setturi strateġiċi li għandhom jiġu appoġġati taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali, mingħajr preġudizzju għan-negozjati dwar il-QFP ta' wara l-2027.
15. JIRRIKONOXXI li, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, ċikli ta' finanzjament inizzjali mmirati lejn l-istadji bikrija mill-ideazzjoni sal-ħolqien ta' startups għandhom ikunu koperti fil-livell nazzjonali/reġjonali/istituzzjonali. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali biex jesploraw sinerġiji ma' miżuri rilevanti tal-politika ta' koeżjoni.

16. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tissimplifika x-xenarju tal-istrumenti ta' finanzjament u l-pjattaformi ta' servizzi għall-istartups u l-iscaleups, kif ukoll ix-xenarju tal-istrumenti ta' mobbiltà għall-istudenti, ir-riċerkaturi, l-intraprendituri u l-ħaddiema taħt il-QFP attwali. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tistabbilixxi pjattaforma ta' "punt uniku" għall-benefiċjarji biex isibu, iqabblu u jaċċessaw l-aħjar opzjoni b'mod effiċjenti fl-użu tar-riżorsi. L-informazzjoni dwar il-programmi nazzjonali u r-rekwiżiti ta' aċċess tagħhom u l-informazzjoni dwar ir-riżorsi, inkluż il-kapital ta' riskju u investimenti privati oħra għall-istartups u l-iscaleups, għandha tiġi integrata wkoll sa fejn ikun possibbli. JENFASIZZA li l-koordinazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti hija kruċjali biex tiġi evitata d-duplikazzjoni. JIRRAKKOMANDA li l-Kummissjoni tikkunsidra li tintroduċi prova tal-kunċett jew prova tal-opzjonijiet fis-suq għall-proġetti rilevanti kollha tar-R&I ffinanzjati mill-Unjoni u mhux biss fi ħdan l-ERC u l-EIC. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni ssib metodi ġodda biex tissensibilizza u tippromwovi l-użu ta' teknoloġiji innovattivi fis-settur pubbliku u privat. JAGĦMEL IL-KAŻ għal użu aktar proattiv tal-akkwist prekummerċjali biex jiġu stabbiliti interfaċċi bejn l-innovaturi u l-akkwirenti fis-settur pubbliku u privat.

IMPLIMENTAZZJONI B'SAĦĦITHA

17. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, tidentifika x-xejriet emerġenti, it-teknoloġiji fixkiela u l-fallimenti tas-suq fil-programmi tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali u xxerred is-sejbiet f'dawn il-programmi. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu ruħhom fi djalogu mill-qrib dwar oqsma ta' prijorità strateġiċi futuri għall-programmazzjoni, abbażi tal-evidenza miksuba.
18. JILQA' t-Tabella Ewropea tal-Istartups u l-Iscaleups imħabbra u s-sett ta' Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs) u JISSUĠĠERIXXI li jiġu esplorati sinerġiji mal-qafas ta' monitoraġġ taż-ŻER u strumenti rilevanti oħra. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tinkludi diżaggregazzjonijiet settorjali strateġiċi għall-KPIs, kif ukoll indikaturi li jirriflettu l-kontribut tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka. JENFASIZZA l-importanza tad-disponibbiltà u l-ftuħ tad-data, u metodoloġiji ċari għall-ġbir tad-data. JITLOB li tiġi applikata ponderazzjoni bbażata fuq id-daqs tal-popolazzjoni għall-aħjar paraguni bejn il-pajjiżi.

19. JITLOB lill-Kummissjoni tirrapporta regolarment lill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija u JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu mekkaniżmu adegwat ta' koordinazzjoni u monitoraġġ għall-Istrateġija għall-Kumpaniji Start-up u Scale-up, b'kont meħud ta' fori eżistenti, bħall-Forum tal-EIC, u bl-oġettiv li jittaffew il-piżijiet ta' rappurtar.
-